MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 8/2009

Antoine Busuttil (Id. 536979M).

Vs

Ghassan Aboulezz (Id. 11659A).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur ippremetta li huwa kien ftiehem mal-konvenut fuq xoghol ta' tikhil, twahhil ta' madum u xoghol iehor gewwa l-fond numru 5, 'Diamond Court', Triq J. L. Zerafa, Zurrieq. Illi l-konvenut kellu jwahhal il-madum ta' l-art kif ukoll tal-kmamar tal-banju. Illi x-xoghol ta' twahhil tal-madum kollu ma sarx skond l-arti u s-sengha u mhux impoggi sew. Illi l-attur hallas l-ammont ta' €2900 u ghad baqalu bilanc ta' €640 inkluz VAT. Illi stante li t-twahhil tal-madum ma sarx skond l-arti u s-sengha, dan irid jinqala kollu u jitwahhal madum gdid. Illi b'rizultat ta' dan l-attur sofra danni li jammontaw ghal €3381.27. Bl-ispejjes inkluz tal-ittra

ufficjali u mandat ta' sekwestru kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt u fid-dritt; illi x-xoghol ta' tqeghid ta' madum ta' l-art sar matul diversi xhur fil-prezenza tal-attur u sar skond l-arti u s-sengha tant li l-attur kien kuntent u hallas parti kbira minn dak dovut; illi l-uniku okkazzjoni li l-attur talab lill-konvenut biex jaqla xi 3 jew 4 madumiet huwa ghamel dan u wara li sar hekk ghamel din il-kawza.  Bl-ispejjes.

Ra l-affidavit tal-attur Antoine Busuttil.

Ra l-affidavit tal-Perit Darren Sciberras prodott mil-attur.

Ra l-affidavit tal-konvenut Ghassan Abdoulezz.

Sema' x-xhieda in kontro ezami tal-attur.

Sema' x-xhieda in kontro ezami tal-konvenut.

Sema' x-xhieda in kontro ezami tal-Perit Darren Sciberras.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra d-dokumenti kollha li gew ipprezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti fil-kawza odjerna, jirrizulta li l-attur kien qabbad lill-konvenut sabiex dan ta' l-ahhar jaghmel xi xogholijiet fil-proprjeta' tieghu, fosthom it-tqeghid ta' madum u skirting.  Gara pero li wara li saru dawn ix-xogholijiet mill-konvenut, l-attur deherlu li dan il-madum ma kienx tqieghed sew u kellu diversi difetti u ghalhekk permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob il-hlas ta' danni allegatament sofferti minnu minhabba li dan

ix-xoghol ta’ tqeghid tal-madum ma sarx skond is-sengha w l-arti.

Illi in sostenn ta’ dak allegat minnu, l-attur qabbad perit tal-fiducja tieghu sabiex ihejji rapport dwar l-allegati difetti fit-tqeghid tal-madum, liema rapport sar mill-perit Darren Sciberras u huwa wiehed pjuttost dettaljat. Il-perit fir-rapport tieghu ikkonferma u spejga fid-dettal kif ix-xogholijiet fil-fatt verament ma kienux saru skond is-sengha w l-arti, u kompla biex illikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont mitlub permezz tal-kawza odjerna.

Illi mill-lat tekniku, r-rapport tal-perit Sciberras huwa l-unika prova li titfa’ dawl fuq il-kwistjoni odjerna, u cioe jekk il-madum kienx tqieghed mill-konvenut skond is-sengha w l-arti jew le. Fil-fatt il-Perit Sciberras ikkonferma fir-rapport tieghu li hemm diversi diffetti ezistenti fit-tqeghid tal-madum, fosthom dizlivelli bejn maduma w ohra, xfarijiet fil-kantunieri, madum mhux imqieghed invell kif titlob is-sengha w l-arti, grouting nieqes, u madum li gie mqieghed minghajr soda b’sahhitha.

Illi minn-naha tieghu l-konvenut donnu jrid jitfa t-tort ghal dawn id-difetti fuq l-attur peress illi allega diversi drabi li l-attur kien stieden xi hbieb god-dar tieghu ghal barbeque u dawn kienu mxew fuq il-madum li kien ghadu kif kien tqieghed u ghalhekk gew ikkawzati d-danni msemmija.

It-Tribunal josserva li l-attur cahad li xi nies mxew fuq il-madum, u del resto l-konvenut ma kellux farka prova konkreta li verament gara hekk. Ta’ min isemmi ukoll li l-perit Sciberras ta spjegazzjoni oltre milli konvincenti ghalfejn ma setax ikun minnu li d-difetti fil-madum kienu hemm minhabba li xi nies mxew fuq il-madum. Huwa spjega b’mod car li d-difetti kienu biss rizultat ta’ xoghol li ma sarx skond is-sengha w l-arti, u dan it-Tribunal ma jhossx illi giet prodotta xi prova ohra li b’xi mod tikkontradixxi jew titfa’ dubbju fuq din il-konkluzzjoni.

Illi fir-rigward tat-talba ghad-danni, l-attur strah fuq l-ammont likwidat mill-Perit Sciberras skond l-istimi u rati mahruga minnu fir-rapport tieghu. Illi minn-naha tieghu l-

konvenut ma pproduca l-ebda prova kontrarja li b'xi mod tista' twassal lil dan it-Tribunal sabiex ma jaccettax il-likwidazzjoni tal-Perit, u ghalhekk it-Tribunal ser jistrieh fuq dak li hareg il-perit fir-rapport tieghu.

Illi tenut dan kollu in konsiderazzjoni, t-Tribunal jidhirlu li t-talba attrici giet ippruvata u ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa t-talba attrici, u b'hekk jikkundanna l-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef, tlett mija u wiehed u tmenin ewro u seba u ghoxrin centezmu (€3381.27). L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------